MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Numru. 941/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANK SAMMUT**

**VS**

**KEVIN PORTELLI**
**MARIA DOLORES GRECH**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kevin Portelli, ta’ 34 sena, bin John u Rita nee’ Silvio, imwieled Pieta’, fit-2 ta’ Awwissu, 1977 u joqghod fil-fond Flat numru 7, Blokk 10, Bieb 8, Triq il-Gardenia, Santa

Lucia u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 371477 (M);

U kontra:

Maria Dolores sive Doreen Grech, ta’ 39 sena, bint Alfred Grech u Emanuela nee’ Spiteri, imwielda Pieta, fl-4 ta’ Ottubru, 1971 u toqghod Flat numru 6, Blokk 14, Bieb numru 1, Trejqet il-Ward, Santa Lucia, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 442071 M;

Talli nhar it-2 ta’ Mejju, 2010, ghall-habta tas-7:30 ta’ filghaxija, filwaqt li kienu fi Triq il-Kurcifiss, kantuniera ma’ Triq il-Mina tax-Xatt, gewwa l-Isla, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ kkawzaw hsara volontarja fuq il-vettura ta’ ghamla Mazda, mudell 323, ta’ lewn orangjo u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni EAM-076, ghad-dannu ta’ Lee Anthony Gatt u persuni ohra, liema hsara tammonta ghal €590.

Lil Kevin Portelli wahdu, talli:

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Lee Anthony Gatt, hekk kif iccertifikat minn Dr. Stephanie Falzon M.D., it-tabiba tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

U aktar talli sar recediv, ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi mghotija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

Kif ukoll, talli kiser ordni ta’ Probation mghotija mill-Magistrat L. Quintano LL.D, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta),

liema sentenza nghatat fil-21 ta' Jannar, 2009, u kiser sentenza sospiza mghotija mill-Magistrat Doreen Clarke, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat fit-3 ta' Frar, 2010.

Rat u ezaminat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkonsidrat:**

Illi f'din il-kawza, il-parti leza ddikkjarat illi ma tridx tixhed kontra l-imputati, u dan peress illi fil-mori ntlahaq ftehim u kien sar hlas ghas-saldu tad-danni sofferti mill-istess parti leza. Inoltre, gie verbalizzat li l-parti leza kienet ghalhekk qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputati. Madankollu, ir-reati migjuba mil-Prosekuzzjoni huma ta' ordni pubbliku u jitmexxew ex officio mil-Prosekuzzjoni, u ghalkemm il-parti leza ma xehdux fil-kawza, il-Prosekuzzjoni xorta kellha tmexxi bil-provi li kellha. Dawn kienu r-rapporti tal-ufficjali tal-Pulizija, li kienu biss ditto del ditto u ma jikkostitwixxux prova skond il-ligi. L-unika prova fejn seta' jigi determinat x'gara kienu l-istqarrijiet tal-istess imputati. Fl-istqarrija ta' Maria Dolores Grech, hi tammetti l-kaz kollu kontriha. Min-naha l-ohra, l-imputat Kevin Portelli jinnega l-involviment tieghu. Ghalhekk il-Qorti sejra timxi fuq dawn il-provi, tenut kont ukoll li l-parti leza ma ghandha ebda pretensjoni ohra fil-konfront tal-imputati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Illi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 325, 221, 49, 50, 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Qieghda ssib lill-imputata Maria Dolores Grech, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fiz-zmien xahar mil-lum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre, din il-Qorti mhux qieghda ssib lill-imputat Kevin Portelli hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------